32004R0820

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) 820/2004

tad-29 ta' April 2004

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2287/27003 f'dak li jirrigwardja l-opportunitajiet tas-sajd għall-imsell kaħlani f'ċerti żoni

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkonsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2287/2003 tad-19 ta' Diċembru 2003 li jistabbilixxi għall-2004 opportunitajiet għas-sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati għal ċerti ħażniet tal-ħut u gruppi ta' ħażniet tal-ħut, applikabbli fl-ibħra tal-Komunità u, għal-dgħajjes tal-Komunità, f'ibħra ta' fejn ċerti limitazzjonijiet huma meħtieġa [1], u partikolarmemnt l-Artikolu 5(4) tiegħu.

Billi:

(1) L-Artikolu 5(4) tar-Regolament (KE) Nru 2287/2003 jistabbilixxi l-possibbiltà ta' żieda fl-opportunitajiet tas-sajd tal-Komunità għall-imsell kaħlani u aringi meta pajjiżi terzi ma jirrispettawx ġestjoni responsabbli ta' dawk il-ħażniet.

(2) L-ebda opportunitajiet massimi għas-sajd ta' l-imsell kaħlani għall-2004 ma kienu ġew stabbiliti mill-Gżejjer Faeroe u n-Norveġja. L-Islanda stabbiliet opportunitiet tas-sajd ferm aktar għoljin mill-qabdiet tal-ħażniet storiċi tagħha. Jista għalhekk ikun meqjus li dawk il-pajjiżi terzi ma jkunux jirrispettawx gestjoni responsabbli tal-ħażniet ta' l-imsell kaħlani.

Waqt li jkun mistenni ftehim dwar ġestjoni fit-tul tal-ħażniet ta' l-imsell kaħlani mal-Istati kostali ikkonċernati, huwa xieraq għall-Komunità li proviżjonalment iżżid il-kwota tagħha bi 350 000 tunnellata fiż-żoni II (ibħra internazzonali), IIa (ibħra tal-Komunità), Il-Baħar Nordiku (ibħra tal-Komunità), V,VI, VII, VIII, IX, X, XII, XIV, CECAF 34.1.1 (ibħra tal-Komunità).

(3) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma konformi ma l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għas-Sajd u l-Akwakultura.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 2287/2003 għandu għalhekk ikun emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi IB u IC tar-Regolament (KE) Nru 2287/2003 huma emendati bi qbil ma l-Anness ta' dan ir-Regolament.

[1] ĠU C 344, tal-31.12.2003, p. 1.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum li jsegwi il-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha

Magħmul fi Brussel, fid-29 ta' April 2004.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

L-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 2287/2003 huma emendati kif ġej:

1. Fl-Anness IB:

Id-dħul li jikkonċernaw l-ispeċje ta' l-imsell kaħlani fiż-żoni:

IIa (ibħra tal-Komunità), il-Baħar Nordiku (ibħra tal-Komunità),

V, VI, VII, XII, u XIV,

VIIIa, b, d, e,

VIIIc, IX, X, CECAF 34.1.1

huma mibdula f'dan li ġej:

Speċje	Insell kaħlani Micromesistus poutasson	Żona	IIa (ibħra KE), Baħar Nordiku (ibħra KE) WHB/2AC4-C
Danimarka	97 058		
Ġermanja	160		
L-Olanda	294		
L-Isvezja	313		
Renju Unit	2 141		
KE	99 966		
Norveġja	40 000 (1)		
TAC	Mhux relevanti		TAC analitika meta t-tnaqqis ta' l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 huma applikabbli

(1) Fi ħdan kwota totali ta' 120 000 tunnellati fl-ibħra KE.

Speċje	Insell kahlani Micromesistus poutasson	Żona V, VI, VII, XII u XIV WHB/571214
Danimarka	8 031	
Ġermanja	31 087	
Spanja	51 812 (1)	
Franza	43 263	
Irlanda	62 174	
L-Olanda	97 665	
Portugall	3 886 (1)	
Renju Unit	90 671	
KE	109 963	
Norveġja	120 000 (2) (3)	
Gżejjer Faroe	45 000 (4) (5)	
TAC	Mhux relevanti	TAC analitika meta t-tnaqqis ta' l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 huma applikabbli

(1) Li minnhom sa 75 % jistgħu ikunu miġbura fiż-żoni VIIIc, IX, X, CECAF 34.1.1 (ibħra KE).

(2) Li jistgħu ikunu miġbura fl-ibħra KE iż-żoni II, IVa, VIa tramunta ta' 56°30'N, VIb, VII punent ta' 12°W.

(3) Li minnhom sa 500 tunnellata jistgħu jikkonsistu minn arġentin (*Argentina* spp.).

(4) Qabdiet ta' l-imsell kahlani jistgħu jinkludu qabdiet inċidentali ta' l-arġentin (*Argentina* spp.).

(5) Jistgħu jinqabdu fl-ibħra KE fiż-żoni Via tramuntana ta' 56°30'N, VIb, VII punent ta' 12°W.

Kondizzjonijiet speċjali:
Fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, mhux aktar mill-kwantitajiet mhurija hawn taħt jistgħu jinġabru fiż-żoni speċifikati:

Norveġja	IVa 40000	VHB/04A-C

Speċje	Insell kaħlani Micromesistus poutasson	Żona	VIIIa,b,d,e WHB/8ABDE
Spanja	19 993		
Franza	15 513		
Portugall	2 999		
Renju Unit	14 477		
KE	52 982		
TAC	Mhux relevanti		TAC analitika meta t-tnaqqis ta' l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 huma applikabbli

Kondizzjonijiet speċjali:
Kwalunkwe parti tal-kwoti msemmija hawn fuq jistgħu ikunu maqbuda fid-diviżjoni ICES Vb (ibħra KE), sub-żoni VI, VII, XII u XIV

Speċje	Insell kaħlani Micromesistus poutasson	Żona	VIIIc, IX, X, CECAF 34.1.1 (ibħra KE) WHB/8AC3411
Spanja	87 970		
Portugall	21 993		
KE	109 963 (1)		
TAC	Mhux relevanti		TAC analitika meta t-tnaqqis ta' l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 huma applikabbli

2. Fl-Anness IC:

Id-dħul li jikkonċerna l-ispeċi ta' l-imsell kaħlani fiż-żona I, II (ibħra internazzjonali) huma mibdul b'dan li ġej:

Speċje	Insell kaħlani Micromesistus poutasson	Żona	I, II (ibħra internazzjonali)
KE	70 000		
TAC	Mhux relevanti		